~~mqegħdin fil-prattika, fi sfond storiku veru. U l-problemi li jitħaddet fuqhom il-kittieb mhumiex problemi ta' żmien wieħed, għax għandhom l-egħruq tagħhom fin-natura nnifisha tal-bniedem, li minn qaddisu jħobb it-tajjeb u jinġibed lejn il-ħażin. Għalhekk is-soluzzjonijiet li jagħti Aquilina għall-problemi soċjali ta' żmienna f'dawn iż-żewġ kotba jibqgħu jkunu apprezzati u studjati sakemm jibqa' min irid is-sewwa u l-ħaqq iseħħu.~~

## MILITI IGNOTO

(B'Tifkira ta' żjara liċ-Ċimiteri ta' Alamejn)

*Min int, Suldat, li hawn tistrieħ f'dil-hemda*
*tax-xagħri sieket, taħt salib tal-għuda;*
*min int, Suldat, li mitt f'din l-art għariba,*
*u ismek mitluf ma' ħajtek, għab mar-ramel*
*tax-xagħri ta' Alamejn jew ta' Tel-Għisa?*
*Istrieħ, Suldat, ġenb das-salib tal-għuda,*
*għassies fidil, b'idejn miftuħa fuqek,*
*ismek minsi fuq l-art, miktub fil-kwiekeb . . .*
*Għalhekk jien ħdejk . . . minn ħdejk ma mmurx għax ħsiebi*
*imsammar fuq it-trab tal-qabar tiegħek . . .*
*Naħseb fi dwejra ħiemda f'wied ħdejn l-Alpi,*
*fejn xwejħa kiebja, b'xall qadim fuq dahrha,*
*qiegħda fuq siġġu tilmaħ bejn il-fjammi*
*żgħar ta' kenun, ta' binha x-xbieha ħelwa:*
*jirtogħ'du f'idha ż-żibeġ tal-kuruna,*
*tgerger xi talb u tisma' bieb iħabbat*
*. . . mir-riħ . . . mhux binha . . . bħalma toħlom dejjem . . .*
*Suldat, li hawn midfun 'il bogħ'd minn niesek,*
*ommok ma tafx fejn int, ma tafx li jiena*
*hawn ħdejk minn flokha npoġġi fjura ċkejkna*
*ħdejn is-salib, għassies fidil ta qabrek . . .*
*Orqod, Suldat, istrieħ, il-bwieq tal-gwerra*
*siktu għalik . . . sa tisma' l-bwieq ta' l-Anġli*
*iqajmu lill-mejtin għall-Ħajja Eterna . . .*

11.xi.1966 — Fr. JOSEPH CREMONA O.F.M.